

Brussell, 12 ta' April 2024
(OR. en)

8595/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0452(COD)

CODEC 1021
JAI 586
ENFOPOL 170
CRIMORG 58
IXIM 103
DATAPROTECT 169
CYBER 115
COPEN 171
FREMP 179
TELECOM 145
COMPET 401
MI 388
CONSOM 146
DIGIT 105
PE 86

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mill-10 sal-11 ta' April 2024)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (S&D, ES), ippreżenta, f'isem LIBE, emenda ta' kompromess (l-emenda numru 13) għall-proposta għal Regolament msemija hawn fuq, li għaliha Birgit SIPPEL (S&D, DE) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fl-10 ta' April 2024, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 13) għall-proposta għal Regolament imsemija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2024)0198

Deroga temporanja: il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (COM(2023)0777 – C9-0437/2023 – 2023/0452(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0777),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0437/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Frar 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0021/2024),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (COM(2023)0797),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

¹ Opinjoni tas-17 ta' Jannar 2024 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-10 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2), flimkien mal-Artikolu 114(1), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ L-opinjoni tas-17 ta' Jannar 2024 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jipprevedi reġim temporanju fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn ċerti fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali disponibbli pubblikament għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, sakemm jitħejja u jiġi adottat qafas legali fit-tul li jindirizza l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (il-"qafas legali fit-tul"). Dak ir-Regolament japplika sat-3 ta' Awwissu 2024.
- (2) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, **li l-Kummissjoni adottat fil-11 ta' Mejju 2022**, għandha l-għan li tipprovdi l-qafas legali fit-tul. Madankollu, in-negozjati interistituzzjonali dwar dik il-proposta għadhom ma **nbdewx** u **ċertament mhux** ser jiġu konklużi fil-ħin biex il-qafas legali fit-tul, inkluż kwalunkwe emenda għar-Regolament (UE) 2021/1232 li jista' jkun fih, jiġi adottat, jidħol fis-seħħ u japplika sal-4 ta' Awwissu 2024.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj>).

- (3) Huwa importanti li l-abbuż sesswali tat-tfal online jkun jista' jiġi miġġieled b'mod effettiv, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni, inkluż il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1232, u mingħajr interruzzjoni, sakemm jiġu konklużi n-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta għall-qafas legali fit-tul, u l-adozzjoni, id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tiegħu. ***Il-koleġiżlaturi jesprimu l-impenn tagħhom li jilħqu qbil dwar il-qafas legali fit-tul malajr kemm jista' jkun, u bil-ħsieb li tiġi evitata kwalunkwe estensjoni ulterjuri tar-Regolament (UE) 2021/1232 fil-futur.***

- (4) Għalhekk, *minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari*, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat biex jiġi estiż il-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu għal perjodu ta' żmien li jkun *limitat* għal dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi adottat il-qafas legali fit-tul u biex dan jidħol fis-seħħ. *Huwa kruċjali li jiġi nnutat li dik l-estensjoni hija eċċezzjonali u jenħtieġ li ma tistabbilixxix preċedent għal estensjonijiet ulterjuri. Ir-Regolament (UE) 2021/1232 inizjalment tfassal bħala strument tranżitorju u temporanju li jservi bħala konnessjoni bejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, li gābet lis-servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ mill-21 ta' Diċembru 2020 'l quddiem, u l-istabbiliment tal-qafas legali fit-tul. Għall-kuntrarju tal-aspettattiva tal-koleġiżlaturi, l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 għandha bżonn tiġi estiża, minħabba fin-nuqqas ta' qafas legali fit-tul maqbul.*

⁴ *Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).*

⁵ *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

- (5) *Skont ir-Regolament (UE) 2021/1232, sabiex tapplika d-deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE, il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri huma meħtieġa jippubblikaw u jissottomettu lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni rapport dwar l-ipproċessar tad-data personali skont dak ir-Regolament.*
- (6) *Fid-dawl tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232, huwa neċessarju li jittejjeb ir-rappurtar lill-Kummissjoni kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 fi żmien opportun.*

- (7) *Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar mill-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li r-rapporti tagħhom ikunu jistgħu jinqraw mill-magni u jkunu faċilment aċċessibbli, jenħtieġ li jiġi stabbilit format ta' rappurtar komuni għal dawk ir-rapporti.*
- (8) *Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), tar-Regolament (UE) 2021/1232, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.*
- (9) *Meta titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata, fi żmien opportun, iċ-ċertezza legali u meta titqies in-natura limitata tal-emendi previsti f'dan ir-Regolament, jiġifieri l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-reġim temporanju u l-ġoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-fini li jiġi stabbilit format ta' rappurtar komuni, huwa xieraq li jiġi previst li dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.*
- (10) *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Jannar 2024.*
- (11) *Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1232 jiġi emendat skont dan,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁶ *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>)*

⁷ *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).*

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/1232 huwa emendat kif ġej:

(1) *fl-Artikolu 3 jiżdied il-paragrafu li ġej:*

"4. Id-data inkluża fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (g)(vii), għandha tiġi pprovduta bil-miktub permezz ta' formola standard. Sa mhux aktar tard mit-3 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' dik il-formola permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' taqsa il-kategoriji tad-data elenkati fil-paragrafu 1, il-punt (g)(vii), f'subkategoriji.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9a(2).";

(2) *fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. Abbażi tar-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 3(1), il-punt (g)(vii), u l-istatistika provduta skont l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha, sal-4 ta' Settembru 2025, tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottomettih u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

(3) *jiddaħħal l-artikolu li ġej:*

"Artikolu 9a

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun Kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(4) fl-Artikolu 10, it-tieni *paragrafu* huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sat-3 ta' April 2026."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
